**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Nru: 801/2021**

***KUMMISSARJU TAT-TAXXI***

***VS.***

***BET-AT-HOME.COM ENTERTAINMENT LIMITED***

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri, magħmul taħt l-**Ordni dwar l-Assistenza Reċiproka Għall-Irkupru Ta' Talbiet li Għandhom X'Jaqsmu Ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra (Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08)**, u li ġie mressaq mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-11 ta' Awwissu, 2021;

2. Rat in-nota ppreżentata llum waqt is-smigħ tal-**<u>5 ta' Novembru, 2021</u>**, iffirmata u moqrija *seduta stante* mill-avukata Mandy Aġius, li biha ddikjarat li l-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed iċedi u jirrinunzja għall-pretensjonijiet tiegħu mressqa fir-rikors għaliex il-kumpannija konvenuta bdiet proċeduri ġewwa l-Islovenja biex tattakka l-istrument uniformi maħruġ taħt id-**Direttiva 2010/24/UE**;

**Għaldaqstant fid-dawl ta' din in-nota ta' ċessjoni u ta' dak imsemmi fl-artikoli 906(1) u 907 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qorti qiegħda tieqaf milli tqis aktar**

**dan ir-rikors u b'hekk tordna lir-reġistratur sabiex ineħħih minn fuq il-lista tar-rikorsi attivi.**

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Novembru, 2021.**

___________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

___________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**